**24 ta' Frar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija.

*versus*

Anthony Borg

**Kiri ta' "Sunshades" — Art. 165 tal-Kap. 13.**

*Il-kiri ta' "sunshades" huwa eżerċizzju ta' "trade"; u kwindi jaqa' taħt il-Liġijiet tal-Pulizija, li jirrikjedu f'min jeżerċita dan il-mestjer il-liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizja għal dan l-eżerċizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fil-Mellieħa, fl-aħħar tliet xhur, fuq art tal-Gvern, l-imputat żamm post għall-eżer-

ċizzju tal-mestjer tal-kiri ta' "sunshades" mingħajr liċenza tal-Pulizija; barra minn dan, bi ħsara tal-Gvern bħala sid, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjetà tal-Gvern; u rat it-talba li jiġi ordnat li jneħħi s-"sunshades" u kull ħaġa oħra li jżomm fuq l-imsemmija art tal-Gvern;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Diċembru 1961, li biha sabet lill-imputat ħati talli żamm ħanut għall-eżerċizzju tal-kiri ta' "sunshades" mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u kkundannatu għall-ammenda ta' 10s.;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni u d-Difiża jaqblu li l-imputat, li għandu l-"Belmar Bar" fl-Armier, ifornixxi lil min jitolbu, bi ħlas, l-użu ta' "sunshades", li huwa jarmalhom fuq ix-xtajta. Id-diverġenza hija fil-fatt li, waqt li l-imputat jissottometti li għal dan il-kiri ma hemmx bżonn ta' ebda liċenzja, għax il-fatt mhux kompriż f'dawk enumerati fl-art. 165 tal-Kap. 13, il-Pulizija tissottometti li dan il-fatt jidħol taħt dak l-artikolu, billi huwa eżerċizzju ta' mestjer, tant li l-imputat kien dejjem jieħu liċenza għal dan l-eżerċizzju, sakemm fl-1961 din il-liċenza ma ġietx aktar rinnovata, bħala konsegwenza tal-"policy" tal-Gvern għall-konċessjoni ta' stabbilimenti balneari;

Illi l-fatt li fl-imgħoddi kienet tiġi konċessa din il-liċenza ma jirriżolvix il-punt; għaliex jekk din il-liċenza ma kienetx neċessarja skond il-liġi, u għalhekk kienet superfluwa il-fatt tal-omissjoni tagħha ma jġibx illi, jekk il-fatt ma kienx vjetat mill-liġi, saret neċessarja din il-liċenza billi fl-imgħoddi ġiet konċessa. Dan il-fatt lanqas ma jista' jkollu valur interpretattiv, għaliex il-liġi hija dik li fil-fatt hi, u mhux dak li wieħed jaħseb li hi erroneament;

Illi l-art. 165 jiddisponi li "ħadd ma jista' jiftaħ jew iżomm ħanut għall-bejgħ ta' oġġetti jew ta' merkanzija sija bl-ingrossa kemm bl-imnut, jew għall-eżerċizzju ta' arti jew sengħa, u ħadd ma jista' jeżerċita l-mestjer ta' bejjiegħ fit-toroq, mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija". It-test ingliż jgħid "for the exercise therein of any art or

trade". Dan l-artikolu jikkorrispondi għall-art. 150 tal-Liġijiet tal-Pulizija ta' qabel ma ġiet publikata r-Revised Edition; fejn it-test taljan, allura l-oriġinal tal-liġi, kien jiddisponi:— "E' vietato di aprire o tenere botteghe per vendervi alcun genere o mercanzia...... o per esercitare alcuna arte o mestiere, o di esercitare il mestiere di venditore di alcun genere o mercanzia per le strade......";

Illi, għalkemm il-kelma "mestiere" (espressa fit-test ingliż attwali bħala "trade") fis-sinifikat tagħha proprju tidher li hija aktar ristretta mil-kelma "trade", fis-sens li l-kelma "mestiere" (fit-test malti "sengħa") tavviċina għall-artiġjanat, pure fis-sens komuni tagħha ma għandhiex biss dan is-sinifikat ristrett. Giacinto Carena jiddefinixxi l-kelma "mestiere", fil-"Vocabolario di Arti e Mestieri", art. 1. bħala "L'esercizio" di arti manuali"; u jżid:— "Anche chiamasi mestiere la semplice occupazione di rivendere checchè sia senza il concorso di veruna manipolazione. Mestiere del merciaio, del chincagliere, del rigattiere, del lanciaio o ferravecchi; del rivendugliolo, del fruttaio, dello spazzaturaio, ecc.";

Illi li l-artikolu in eżami juża l-kelma "mestiere" f'dan is-sens estiż jidher mill-aħħar parti tiegħu, fejn jivvjeta l-"mestiere di venditore...... per le strade" — konċett li ġie espress fit-test ingliż tar-Revised Edition "to exercise the trade of hawker or pedlar", u fit-test malti "il-mestjer ta' bejjiegħ fit-toroq". Infatti, l-opra ta' venditur ambulanti hija dik li l-Carena jalludi għaliha bħala "occupazione senza il concorso di veruna manipolazione";

Illi għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kelma "trade" fit-test ingliż tirriproduċi fedelment is-sens tal-liġi, u l-att tal-imputat li jikri s-"sunshades", għandu jiġi kunsidrat bħala "trade" u jidħol fl-ipotesi tal-art. 156;

Illi jista' jiġi wkoll osservat illi, għalkemm iż-żewġ kuntratti ta' lokazzjoni u ta' vendita huma distinti, anki fil-kamp ċivili għandhom attinenza strettissima ma' xulxin; tant li l-lokazzjoni tista' tiġi kunsidrata bħala vendita tal-użu u tal-godiment tal-ħaġa lokata. Kif jgħallem (L.2, Dig. de loc. et cond. XIX. 2):— "Locatio et conductio proxima est emptioni et venditioni; iisdem juris regulis consis-

tit; nam et emptio et venditio ita contrahitur, si de praetio convenerit; sic et locatio et conductio contrahi intelligitur, si de mercede convenerit". Id-differenza sostanzjali bejniethom hija li waħda hija traslattiva tal-proprjetà, mentri l-oħra ma tittrasmettix lill-konduttur la l-proprjetà u lanqas il-pussess fis-sens legali, iżda hija traslattiva biss tal-godiment personali tal-ħaġa;

Illi l-fatt, ġo msemmi, li l-imputat iżomm dawn is-sunshades" fil-bar tiegħu u minn hemm isir il-kiri tagħhom, iġib illi dan il-mestjer qiegħed jiġi eżerċitat fl-istess bar, u għalhekk il-fatt jinkwadra l-ipotesi tal-liġi;

Ikkunsidrat, inoltre;

Illi, billi l-fatt imputat huwa ġuridikament wieħed, u għalhekk anki jekk dan kiser xi dispożizzjoni oħra, l-imputat ma jistgħax jiġi addebitat biż-żewġ reati, in vista tal-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti, ma hemmx lok li jiġi ndagat jekk dan il-fatt jikkostitwix ukoll vjolazzjoni tal-proprjetà tal-Gvern;

Illi fl-aħħarnett, billi l-lum ma għadhiex l-istaġun li fih jiġu wżati dawn is-"sunshades", u fil-fatt dawn ma għadhomx jeżistu għax ġew rimossi, ma hemmx lok ta' ebda ordni ta' rimozzjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li t'ġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fit1test ingliż tal-art. 165, Kap. 13 Ediz. Riv., hemm il-kelma "trade" fl-aħħar parti tal-ewwel subartikolu relattivament għall-"hawker" jew "pedlar", ċjoè hemm l-istess kelma wżata fil-frażi "any art or trade", mentri fit-test malti t-tieni darba jingħad "mestjer", u mhux "sengħa" bħal qabel. Stante din id-diskrepanza bejn it-test ingliż u

t-test malti, jipprevali, skond il-liġi, it-test ingliż, u per konsegwenza kwalunkwe nferenza kieku stess sostenibbli, li jrid jiddeduċi l-appellant mill-użu tal-kelma "mestjer", ma tibqgħax attendibbli;

Issa, il-kiri ta' 'sunshades" huwa eżerċizzju ta' "trade"; infatti, fl-art. 5 tal-Kodiċi Kummerċjali jitqies "act of trade", "inter alia", il-kiri ta' oġġetti mixtrija minn dak li jagħtihom b'kiri bl-iskop li jikrihom;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata.